MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 504/2005

**Noel Azzopardi (I.D. No. 583376 M)**

**Vs**

**Tracy Bajada**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) jew somma ohra verjuri li tigi llikwidata minn dan it-Tribunal rapprezentanti valur ta' rigali li l-attur qala' fl-gherusija li thassret kif ukoll diversi oggetti li l-attur stess gab fl-gherusija u li baqghu fil-pussess tal-

konvenuta minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex dawn l-oggetti jigu rritornati lilu.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi l-attur m'hu dovut l-ebda hlas ta' rigali li allegatament qala' fl-gherusija peress illi kien ftiehem li l-konvenuta Tracy Bajada zzomm l-affarijiet hi, peress illi hi u l-familja taghha hargu l-parti l-kbira ta' l-ispejjez ta' l-gherusija. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-gherusija thassret ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur u ghandu jhallas ta' dan.

Il-konvenuta pprocediet biex ipprezentat Kontro-Talba fejn talbet li l-attur jigi kkundannat ihallas lilha s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) u peress illi l-gherusija thassret minhabba nuqqasijiet gravi u mputabbli lill-attur billi kien jilghabhom, kien jiehu d-drogi u billi kien bla kont ghall-hajja ghan-nofs iz-zmien li ghamlu flimkien. Bil-kemm hadem nofshom u apparti li kien jilghab il-flus, lill-konvenuta kien jitlobha l-flus u lit-tfajliet fejn kienet qieghda tahdem. Skond ircevuti annessi mar-Risposta seba' mija u disa' liri Maltin u disghin centezmu (Lm709.90c) gew minfuqa ghar-riceviment u spejjez ancillari kif ukoll hsarat subiti fid-dar taghha. Kienet taghti flus lill-attur *brevi manu*, kif ukoll taghtih jiekol darbtejn fil-gimgha, toast, cake u coca kuljum, kif ukoll l-uzu liberu tat-telefon. In realta' l-konvenuta ghandha tiehu minghand l-attur u mhux vice versa.

Sema' x-xhieda ta' Noel Azzopardi, Tracy Bajada, Victoria Azzopardi, Vanessa Camilleri, Christabel Azzopardi u ta' Antonia Bajada.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien ftit anqas minn seba' snin u li kien ilhom gharajjes ghall-parti l-kbira minn dan il-perjodu.

Il-vertenza f'din il-kawza tikkoncerna l-ewwel nett x'ghandu jsir mir-rigali li l-attur jghid li qala' minghand ommu u hutu fl-gherusija u l-flus u inoltre, x'ghandu jsir

bir-rigali li taw lil xulxin dment li huma baqghu johorgu flimkien u finalment jekk il-konvenuta ghandhiex dritt tiehu *refund* minghand l-attur ta’ l-ispejjez tal-festa ta’ l-gherusija.

Dan kollu jirrivolgi fuq min hu responsabbli ghat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta’ bejniethom u f’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 5 tal-Ligijiet ta’ Malta li jirrigwarda l-effetti civili minn promessa ta’ zwieg. Gie konstantament ritenut illi promessa simili hija ekwivalenti ghall-kuntratt u bhala tali japplikaw ukoll l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi Civili dwar l-effetti ta’ min jikser l-obbligu kuntrattwali.

Illi inoltre pero’, jekk ikun hemm raguni valida u gravissima ghaliex ghandha tithassar l-gherusija, l-parti leza ghandha d-dritt tiehu lura kemm id-danni kif ukoll l-ispejjez li gew minfuqa u kif ukoll anki danni morali tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz kif spjegati fl-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 5.

Fil-kaz odjern it-Tribunal jidhirlu illi x-xhieda tal-konvenuta hija ferm aktar verosimili minn dik moghtija mill-attur u jemmen li fil-fatt kien l-attur li ta lok ghar-rizaliment ta’ l-gherusija minhabba nuqqas ta’ kont tieghu u l-agir tieghu li ma taw l-ebda affidament lill-konvenuta li kellha futur xieraq mieghu tant illi dan wassalha biex tqis li l-gherusija thassret. Ftit qabel ma thassret formalment l-gherusija, jirrizulta illi l-attur kellu problemi finanzjarji tant illi biex isolvihom kien dawwar nofs il-post li kienu xtraw bejniethom iz-zewg partijiet ghal fuq il-konvenuta biex hi wahidha tibqa’ ggorr il-piz tal-loan tal-bank. Bil-flus li taghtu l-konvenuta flok haseb ghall-futur taghhom qabad u mar jixtri karozza (meta gja’ kellu ohra). Dan certament mhux agir ta’ xi hadd li qed ihares lejn futur mizzewweg.

Illi inoltre, huwa tassew rimarkabbli illi fil-fatt fuq glieda tant relattivament innokwa, l-attur lanqas biss ghamel sforz biex jirranga l-affarijiet mal-konvenuta meta hu stess kien jahti ghall-incident. Jirrizulta li fil-post li kienu xtraw u li mbaghad sar tal-konvenuta wahidha, l-attur kien qed

izomm kelb u l-konvenuta kienet qieghda tilmenta mieghu li dan il-kelb kien qed jaghmel hsara liz-zebgha fuq il-bejt u darba minnhom missier il-konvenuta kien anki qal lill-attur biex inehhi dan il-kelb minn hemm u l-attur telghulu, rrabja u beda jsabbat u hu stess dakinhar hassar l-gherusija bhala reazzjoni u spicca biex anki hedded lill-konvenuta. Jekk verament kien hemm relazzjoni tajba bejn il-partijiet u jekk verament l-attur kien jidhirlu li ghandu jibza' ghal din ir-relazzjoni, fl-ewwel lok ma kienx jirreagixxi b'dan il-mod u fit-tieni lok anki kieku jinqala' incident simili, kien jara biex isib il-mezzi biex jirranga l-affarijiet mal-konvenuta biex jergghu jibqghu johorgu flimkien. L-attur m'ghamel xejn minn dan u dan juri bic-car id-dispozizzjoni tieghu kemm ma kienetx marbuta mar-relazzjoni futura mal-konvenuta.

Dwar l-agir tal-konvenuta, t-Tribunal jidhirlu illi dan ma jistax jigi kkritikat anzi jekk mhux biex jinghad li ssaportiet u damet hafna biex tirrealizza f'liema sitwazzjoni kienet qieghda ghaddejja minnha, tant li spiccat biex anki marret ghand tabib minhabba r-*reactive depression* li sofriet minnu b'rizultat tar-relazzjoni li kellha ma' l-attur.

Illi in vista ta' l-imsemmija konkluzjoni, jidher evidenti illi l-konvenuta ghandha dritt ghalhekk li tiehu lura l-ispejjez li tkun ghamlet kif ukoll izzomm ir-rigali li tkun irceviet minghand l-attur. Il-partijiet ma jaqblux bejniethom dwar ir-rigali li nghataw mill-familjari ta' l-attur waqt l-gherusija.

It-Tribunal jidhirlu illi dawn ir-rigali nghataw liz-zewg partijiet flimkien u mhux lill-parti jew lill-ohra u jemmen il-verzjoni li tat il-konvenuta li fil-fatt il-partijiet ftiehmu illi l-konvenuta zzomm dawn l-affarijiet biex jaghmlu tajjeb ghall-ispiza li kienet nefqet waqt l-gherusija. Jirrizulta li dawn l-affarijiet ghandhom valur ta' hames mija u seba' liri Maltin (Lm507). Inoltre, l-konvenuta zammet is-sitt mitt lira Maltin (Lm600) li kienu l-flus li rcevew bhala rigali f'din l-gherusija u ghalhekk tenut kollox, it-Tribunal jidhirlu illi dawn huma *ben altru* sufficjenti biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez minfuqa mill-konvenuta waqt il-festa ta' l-gherusija.

Ghar-rigward tar-rigali li l-partijiet taw lil xulxin dment li huma kienu qieghdin johorgu flimkien jirrizulta illi t-tnejn li huma xtraw rigali lil xulxin. Dawn ir-rigali kienu donazzjonijiet u bhala tali l-proprjeta' taghhom tghaddi mill-mument li ssir id-donazzjoni (vide Giovanni Vassallo Vs Violet Camilleri deciza 18 ta' Gunju, 1945) u ghalhekk kull parti ghandha d-dritt izzomm dawn l-oggetti. F'kull kaz pero' ghalkemm mad-daqqa t'ghajn jidher illi l-konvenuta kienet tonfoq iktar mill-attur fuq dawn ir-rigali, tali differenza hija kontro-bilancjata bil-valur tar-rigali fuq imsemmija u l-flus li qalghu waqt il-festin ta' l-gherusija. Kull differenza ulterjuri hija *de minimis*.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi kollox ma' kollox meta wiehed iqis il-konkluzjonijiet fuq imsemmija jigi illi l-attur m'ghandu jiehu xejn minghand il-konvenuta u lanqas il-konvenuta m'ghandha tiehu minghand l-attur. Kulhadd jibqa' b'li ha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba ta' l-attur, jiddikjara li t-talba tal-konvenuta hi gustifikata b'dan illi stante li hi gja' ghandha l-affarijiet f'idejha w anki zammet il-flus ta' l-gherusija, l-attur m'ghandu jhallas xejn lill-konvenuta. In vista tal-premess l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------